MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Numru 573/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**
**vs**

**IVAN ABELA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ivan Abela ta' 29 sena, bin Alexander u Angiolina nee' Micallef, imwieled San Giljan fl-4 ta' Frar 1979, u li joqghod fi Block 5, Bieb C, Flat 8, Misrah Lewza, San Gwann. Detentur tal-karta' ta' l-Identita' numru 152079M.

Billi gie akkuzat:

1. Talli nhar it-18 ta' Marzu 2007, gewwa l-Birgu,

a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, markanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq;

u cioe diversi DVDs b’films.
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 298(1)(a),(c), u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JA3 u nnutat li l-imputat Ivan Abela m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 298(1)(a),(c) u (f) u 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Ivan Abela, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u l-fedina penali netta tal-imputat tikkundanna lill-imputat Ivan Abela ghall-piena komplessiva ta’ sitt mija u hamsin Euro (Euro 650) multa.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok. JA8 u Dok JA9 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u wara r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------